# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1188/2021**

## LEONARDO BRUNETTI (KI 184592A)

**VS**

## 099LOTTO HOLDINGS LIMITED (C-87976)
## U
## MARTINA SOFIA AHLQUIST MALMQVIST
**(DETENTRIĊI TAL-PASSAPORT SVEDIŻ 95238353)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 25 ta’ Mejju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għar-rexxissjoni ta’ *Shareholders Agreement’,* emenda għal *Shareholders’ Agreement*, *Contract Note* u *Subscription List* iffirmati mill-partijiet datati 20 t’April 2022, stante l-inadempjenza tal-intimati jew min minnhom;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru 2021, **Leonardi Brunetti** ippremetta:

    a. *Illi r-rikorrent ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar ħames snin u flimkien mal-partner tiegħu huwa għandu żewġt itfal;*

    b. *Illi fis-sena 2020 ir-rikorrent ġie avviċinat minn ċertu Anton Henriksson li qallu li huwa kien impjegat ma' kumpanija Maltija bl-isem ta' 099Lotto Holdings Limited u l-kumpanija kienet ser tniedi prodott interessi ta' lottu online u kienu qed ifittxu investituri. Huwa introduċieni mal-intimata Martina Sofia Ahlquist li hija d-Direttur tas-soċjeta' intimata;*

    c. *Illi r-rikorrent kien ġie infurmat li s-sussidjarja tas-soċeta' intimata, u ċioe' 099Lotto Operations Limited (C-C 87978) kienet ser tapplika għal liċenzja u kienet ser tibda topera lotterija online;*

    d. *Illi l-intimata Martina Sofia Ahlquist infurmat lir-rikorrent li jekk ried jinvesti fis-soċjeta' intimata huwa kien ser jirċievi numru ta' azzjonijiet fis-soċjeta' u eventwalment jirċievi dividends. Hija qaltlu wkoll is-soċjeta' ġja kellha numru ta' investituri li lkoll kienu ser jirċievu azzjonijiet fis-soċjeta';*

    e. *Illi r-rikorrent eventwalment ġie ippreżentat b'Shareholders' Agreement u f'April tas-sena 2020 ir-rikorrent iddeċieda li jinvesti s-somma ta' tletin Elf Ewro (€ 30,000);*

    f. *Illi skont l-informazzjoni mgħoddija lilu u sussegwentement skont Subscription List (hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok A***) li huwa ffirma, r-rikorrenti kien ser jirċievi 25,000 shares fis-soċjeta' intimata ekwivalenti għal 1% shareholding fis-soċjeta' intimata. Di piu huwa rċieva wkoll Contract Note hawn annessa u mmarkata bħala "***Dok B***";*

g. *Illi r-rikorrent ġie provdut dettalji ta' kont tas-soċjeta' intimata ma' Sparkasse Bank u bejn il-21 ta' April, 2020 u l-22 ta' April,2020 ir-rikorrent ittrasferixxa l-ammont ta' tletin Elf Ewro fil-kont imsemmi;*

h. *Illi wara li ttrasferixxa l-flejjes indikati huwa beda jirċievi aġġornamenti dwar il-progress fl-applikazzjoni għal-liċenzja iżda meta bdew jgħaddu x-xhur beda jisma' anqas u kull meta talab li jiġi trasferiti l-azzjonijiet f'ismu huwa baqa' ma jingħatax risposta konkreta;*

i. *Illi nonostante diversi interpellanzi lill-intimata u rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, sal-lum-il ġurnata r-rikorrent għadu ma rċievix azzjonijiet fis-soċjeta';*

j. *Illi minkejja li ttenta diversi drabi sabiex jagħmel kuntatt mal-intimata, din tal-aħħar baqgħet ma tirrispondix u tinjorah kompletament. Ir-rikorrenti saħansitra għamel rapport mal-Pulizija Eżekuttiva dwar is-sitwazzjoni iżda sal-lum għadu ma sema' xejn;*

k. *Illi għalhekk ir-rikorrent kellu jirrikorri għal dawn il-proċeduri;*

l. *Illi r-rikorrent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmi *Shareholders' Agreement,* l-emenda tax-*Shareholders' Agreement,* il-*Contract Note* u *Subscription List* bejn l-intimati u r-rikorrenti datati l-20 t'April 2020 huma rexissi stante l-inadempjenza tal-intimati jew min minnhom;

ii. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom li jirrifondu u jħallsu lura s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) lilhom ġja mħallsa, bl-interessi mid-data tal-pagament lill-intimati tal-istess;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax dekorribbli skont il-liġi kontra l-intimati;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-għaxra ta' Diċembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, erbgħa (4) ta' Frar 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Permezz ta' rikors datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2022, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex tordna n-notifika tal-konvenuti bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u dan stante illi r-rikorrent kien ipprova jinnotifika lill-intimati fl-indirizz indikat mill-Malta Business Registry bħala l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija konvenuta, iżda s-sid tal-indirizz indikat ma kienx aċċetta n-notifika. Permezz ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Ġunju 2022, din il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat in-notifika tal-konvenut bil-proċedura tal-affissjoni, u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali waħda bl-Ingliż;

6. Estratt mill-Gazzetta tal-Gvern datata tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2022 illi turi l-pubblikazzjoni fl-istess Gazzetta skont l-ordni ta' din il-Qorti ġiet esebita in atti, a fol 24-25 tal-proċess;

7. Permezz ta' nota datata tmintax (18) ta' Novembru 2022, ir-rikorrent esebixxa estratt ta' gazzetta lokali bl-Ingliż ai fini ta' pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (a fol 28 tal-proċess);

8. Waqt is-seduta tas-sitta (6) ta' Diċembru 2022, il-Qorti rat illi t-terminu għar-risposta mill-konvenuti kien għadu għaddej. Għaldaqstant il-kawża baqgħet differita għal dan l-iskop;

9. Waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023, il-Qorti kkostatat illi l-konvenuta ma ppreżentatx risposta fit-terminu lilha konċess, u l-kawża ġiet differita għall-provi tal-attur.

**Il-Qorti**

10. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent Leonardo Brunetti datat tlieta (3) ta' Diċembru 2021 u rat id-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) kopja ta' *Subscriptions List* (**Dok A** a fol 6-7 tal-proċess); u (b) kopja ta' *Contract Note* (**Dok B** a fol 8 tal-proċess);

11. Reġgħet rat illi l-konvenuti ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smigħ permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali[1];

12. Rat illi l-konvenuti, minkejja illi ġew debitament notifikati bir-rikors ġuramentat, naqsu milli jippreżentaw risposta fit-terminu lilhom konċess[2];

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Claudette Fenech**, in rappreżentanza tal-Malta Business Registry, waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2023[3], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CF1** (a fol 37 *et seq* tal-proċess);

14. Rat l-affidavit ta' **Leonardo Brunetti**, konfermat bil-ġurament tiegħu stess waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2023, a fol 164 *et seq* tal-proċess;

15. Rat illi, waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2023, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'iressaq. Waqt l-istess seduta, il-Qorti kkonċediet lill-konvenuti xahar żmien sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub permezz ta' nota[4];

16. Rat illi l-konvenuti ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet entru t-terminu lilhom konċess[5];

---

[1] Vide timbri tal-Marixxall b'konferma tal-proċedura tal-affissjoni a fol 22 tal-proċess, l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern a fol 24-25 tal-proċess, u estratt minn gazzetta lokali bl-Ingliż a fol 28 tal-proċerss

[2] Vide verbal tas-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023 a fol 30 tal-proċess

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 34 *et seq* tal-proċess

[4] Vide verbal a fol 33 tal-proċess

[5] Vide verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, a fol 187 tal-proċess

17. Rat illi lanqas ġiet ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet mir-rikorrent fit-terminu lilu prefiss;

18. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

19. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Stat ta' Kontumaċja</u>*

20. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenuti fil-kawża odjerna;

21. L-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentativi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizazzjonijiet oħra mill-Qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata, bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. [...]*
>
> *[...]*

*(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.*

22. Dwar in-notifika kif kontemplata fis-sub-inċiż wieħed, din il-Qorti tinnota illi mit-timbri tal-Marixxall tal-Qorti a fol 10 tal-proċess, jirriżulta illi m'hemm l-ebda dubju illi saru t-tentattivi sabiex jiġu notifikati l-konvenuti bir-rikors ġuramentat, iżda, fil-każ tal-kumpanija, jidher illi l-Marixxall ġie informat illi l-kumpanija m'għadhiex tiffunzjona iżda għad għandha l-indirizz fuq il-post, filwaqt illi fil-każ tal-konvenuta Martina Sofia Ahlquist Malmqvist, il-Marixxall ġie informat illi l-konvenuta għandha x'taqsam mal-kumpanija iżda ma kinitx fuq il-post;

23. Dwar il-proċedura mbagħad kontemplata mill-Artikolu 187(3) tal-Kap 12, ir-rikorrent talab il-permess tal-Qorti sabiex jirrikorri għaliha permezz ta' rikors datat ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2022. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Three Barrels Limited vs Joan Schembri noe***[6], kif ċitata b'approvazzjoni wkoll mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frances Bergedahl noe vs Francis Formosa***[7]:

> *Dan l-artikolu* [cioe l-Artikolu 187(3)] *jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jiġi assigurat in-notifika ta' att bil-proċedura hekk imsejħa "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*
>
> *(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali;*
>
> *(b) Illi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta;*
>
> *(c) Illi l-iskrittura jew att jinħarġu f'ġurnal ta' kuljum, wieħed jew aktar minn wieħed, skond kif il-Qorti tiddeċiedi.*
>
> *Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jinġiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jiġu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konġuntiv "u" għandu jingħata l-piż sħiħ tiegħu. Ma' dawn it-tlett rekwiżiti għan-notifika valida permezz ta' din il-proċedura kellu jiżdied rekwiżit ieħor, ukoll meħtieġ ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun*

[6] Ċit Nru 553/99, Qorti tal-Appell (Superjuri), 13 ta' Lulju 2001
[7] App Ċiv Nru 128/2007/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Settembru 2011

*magħruf", illi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jiġix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi.*

24. Jirriżulta mill-atti illi:

(a) Ġew notifikati b'kopja tal-atti l-Għassa tal-Pulizija (Floriana) u l-Kunsill Lokali (Floriana) nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru 2022 (vide timbri tal-Marixxall fil-folder a fol 22 tal-proċess);

(b) Inħareġ l-att fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern pubblikata nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2022 (vide estratt a fol 24-25 tal-proċess);

(c) Ġie pubblikat l-att fuq ġurnal lokali bl-Ingliż nhar it-tmintax (18) ta' Novembru 2022, kif ordnat minn din il-Qorti stess permezz ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Ġunju 2022 (vide fol 28 tal-proċess);

(d) Kopja tal-att ġiet imwaħħla mal-bieb fl-indirizz indikat bħala l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija konvenuta nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru 2022 (vide timbru tal-Marixxall fil-folder a fol 22 tal-proċess);

Il-Qorti għalhekk tinnota illi ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha neċessarji sabiex persuna titqies illi ġiet notifikata permezz ta' din il-proċedura, b'dana illi l-konvenuti jistgħu jitqiesu illi ġew notifikati nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2022;

25. Minkejja illi ġew debitament notifikati, il-konvenuti naqsu milli jippreżentaw risposta għat-talbiet tar-rikorrent[8], u sussegwentement naqsu milli jattendu, jew milli, mill-inqas, jinkarigaw u/jew jibagħtu rappreżentant legali sabiex jirrappreżentahom fil-proċeduri odjerni[9]. Minkejja illi ġie lilhom it-

[8] Vide verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2023, a fol 30 tal-proċess
[9] Vide verbali tas-seduti illi nżammu f'din il-kawża, a fol 30, 33, u 187 tal-proċess

terminu konċess, naqsu wkoll milli jippreżentaw nota ta' sottomissjonijet finali[10];

26. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

> *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>
> *[...]*
>
> *(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

27. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenuti jinsabu fi stat ta' kontumaċja;

28. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenuti kellhom il-possibilta' illi jipprovaw għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqsu milli jippreżentaw risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħhom bir-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-

[10] Vide verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, a fol 187 tal-proċess

istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[11], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[12], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

*(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

*(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

---

[11] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[12] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

29. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

30. Fil-każ odjern, il-konvenuti jitqiesu illi kienu ben konxji tal-fatt illi r-rikorrent kellu pretensjoni fil-konfront tagħhom, għaliex huwa kkunsidrat illi ġew notifikati bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenuti kellhom raġuni valida illi għaliha ddeċidew illi ma jdaħħlux risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti kellhom mill-inqas jaraw illi jidhru huma stess jew illi jkunu rappreżentati waqt is-seduti sabiex jitolbu l-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien

biex jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom. Saħansitra anke meta ġie konċess lilhom terminu illi fih setgħu jagħmlu s-sottomissjonijiet finali tagħhom, il-konvenuti naqsu milli jagħmlu dan, u għażlu minflok illi jibqgħu siekta. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenuti ġabu prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

31. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[13], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* **Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenuti qegħdin jitqiesu bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tar-rikorrent humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuti naqsu milli jirrispondu tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli jattendu għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

B. *Il-Mertu tal-Kawża Odjerna*

[13] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

32. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi l-ftehim, ossia *Shareholders Agreement,* emenda għal *Shareholders Agreement*, *Contract Note* u *Subscription List,* illi ġew iffirmati mir-rikorrent u l-intimati datati l-20 t'April 2020 huma rexissi, stante l-inadempjenza tal-intimati jew min minnhom, u sabiex tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jirrifondu u jħallsu lura s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) lilhom ġia mħallas;

33. In suċċint, ir-rikorrent qiegħed jikkontendi illi huwa investa s-somma kumplessiva ta' tletin elf Ewro (€30,000) fis-soċjeta' konvenuta, bil-patt illi kellu jirċievi azzjonijiet fis-soċjeta' konvenuta u eventwalment anke *dividends*, liema azzjonijiet huwa baqa' ma rċieva qatt, u dan nonostante illi kien għadda l-pagament kif miftiehem da parti tiegħu;

34. Jirriżulta mill-provi prodotti illi:

(a) Is-soċjeta' intimata 099lotto Holdings Limited hija preżentement reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpaniji fi ħdan il-*Malta Business Registry*[14], li ilha hekk reġistrata sa mill-2018, u li d-direttriċi tal-istess soċjeta' hija l-konvenuta Martina Sofia Ahlquist Malmqvist[15];

(b) Is-soċjeta' intimata 099lotto Holdings Limited, f'*Contract Note* datata 20 t'April 2020 iffirmata minn Martina Ahlquist Malmvist fil-kwalita' tagħha ta' Direttriċi, intrabtet illi tassenja u tittrasferixxi ħamsa u għoxrin elf (25,000) sehem fil-kumpanija lir-rikorrent għal investiment ta' tletin elf Ewro (€30,000)[16];

---

[14] Vide **Dok CF1** esebit minn **Dr Claudette Fenech**, a fol 37 tal-proċess
[15] Ibid, a fol 44 tal-proċess
[16] Vide **Dok D** a fol 181 tal-proċess

(c) Ir-rikorrent jidher illi ffirma s-*Subscription List* kif ġie mitlub jagħmel mill-konvenuti, illi permezz tiegħu huwa kellu jakkwista l-ishma illi għalihom kien ser jinvesti s-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000)[17];

(d) Ir-rikorrent għadda erba' pagamenti separati lis-soċjeta' konvenuta, fl-ammonti ta' għaxart elef Ewro (€10,000), ħamest elef Ewro (€5,000), erbat elef u disa' mitt Ewro (€4,900) u disat elef u disa' mitt Ewro (€9,900)[18], u cioe s-somma globali ta' disgħa u għoxrin elf u tmien mitt Ewro (€29,800);

(e) Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ma ġiex notifikat illi l-ishma relattivi ġew trasferiti fuq ir-rikorrent, u r-rikorrent infatti mhux indikat bħala azzjonist fis-soċjeta' konvenuta[19];

(f) Ir-rikorrent jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-konvenuta Martina Sofia Ahlquist Malmqvist irrikonoxxiet il-fatt illi l-ishma kienu għadhom ma ġewx trasferiti fuq isem ir-rikorrent. Infatti fl-affidavit tiegħu jgħid, *"[C]ommunication started to deteriorate both from Martina Sofia and Anton Henriksson however they still kept replying to my calls and correspondence however time was passing and nobody confirmed whether the transfer of shares had occurred or not. This is when I started being concerned about the situation however when I contacted them they always told me that they were waiting on some other investors to sign up and the transfer would occur soon enough;"*[20]

35. Dawn il-provi ma ġew fl-ebda punt fil-proċeduri kontestati mill-konvenuti, u għalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiskartahom u/jew tiddubita l-veraċita' tagħhom;

---

[17] Vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 6 tal-proċess
[18] Vide **Dok F u G** annessi mal-affidavit tar-rikorrent, a fol 183-184 tal-proċess
[19] Vide **Dok CF1** a fol 37 *et seq* tal-proċess
[20] Vide para 11 fl-affidavit tar-rikorrent immarkat **Dok LB1** a fol 166 tal-proċess

36. Din il-Qorti tinsab għalhekk sodisfatta illi minkejja illi r-rikorrent kien għadda pagamenti lis-soċjeta’ konvenuta, huwa baqa ma rċieva qatt l-azzjonijiet fis-soċjeta’ kif kien ġie mwiegħed;

37. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi minkejja illi huwa kien intrabat illi jħallas is-somma ta’ tletin elf Ewro (€30,000), effettivament ir-rikorrent ġab prova ta’ ħlas fis-somma globali ta’ disgħa u għoxrin elf u tmien mitt Ewro (€29,800). Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tordna rifużjoni fl-ammont illi ġie hekk pruvat, u mhux tas-somma ta’ tletin elf Ewro (€30,000) kif mitlub fir-rikors promotur;

38. Finalment, din il-Qorti tqis illi minkejja illi l-*proof of payment* esebiti mir-rikorrent[21] jindikaw illi l-erba’ pagamenti saru a favur *“099Lotto Holding Ltd”* fil-kont bankarju indikat mill-konvenuta Malmqvist fl-*e-mail* tagħha spedita lir-rikorrenti nhar l-għoxrin (20) t’April 2020[22], il-kont bankarju indikat fid-dokumenti esebiti mir-rappreżentatriċi tal-Malta Business Registry jindikaw *client account* miżmum minn Finco Trust Services Limited għan-nom tal-kumpanija konvenuta, u cioe kont bankarju ieħor[23]. Fl-ebda punt ma nġabet prova illi l-kont bankarju illi fih iddepożita l-fondi r-rikorrent kien effettivament jappartjeni lis-soċjeta’ konvenuta u mhux lill-konvenuta Malmqvist, u cioe illi l-fond inġabru mis-soċjeta’ konvenuta u mhux mid-Direttriċi tagħha. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax, b’konvinzjoni u b’kuxjenza trankwilla, tiddikjara illi hija biss is-soċjeta’ konvenuta illi għandha tagħmel tajjeb għar-rifużjoni tal-ammont hekk investit, ad esklużjoni tad-Direttriċi tal-istess soċjeta’. Dan b’mod partikolari tenut kont tal-fatt illi: (a) ġie ampjament pruvat illi r-rikorrent kellu biss komunikazzjoni f’dan ir-rigward ma’ Malmqvist, u mal-ebda attivist ieħor fis-soċjeta’ konvenuta, u, (b) *qua* Direttriċi, il-konvenuta Malmqvist kellha r-responsabbilita’ illi tara illi tiġi esegwita l-proċedura ta’ trasferiment tal-ishma ġialadarba l-flus kienu ntbagħtu mir-rikorrent kif miftiehem. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tiddikjara lill-intimati responsabbli

[21] Vide **Dok F u G** annessi mal-affidavit tar-rikorrent, a fol 183-184 tal-proċess

[22] Vide **Dok E** anness mal-affidavit tar-rikorrent, a fol 182 tal-proċess

[23] Vide dokument a fol 38 tal-proċess, formanti parti minn **Dok CF1**

għar-rifużjoni tal-ħlas lura tas-somma investita mir-rikorrent, *in solidum* bejniethom;

39. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrent għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

40. L-Artikolu 5 tal-Kap 13 jiddefinixxi bħala *att ta' kummerċ*, *"kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom"*, u għalhekk m'hemm l-ebda dubju illi l-każ odjern jinkwadra ruħu fis-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 riprodott hawn fuq, b'dana illi l-imgħax legali għandu għalhekk jibda jiddekorri mid-data illi fiha kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni, u cioe l-għoxrin (20) t'April 2020.

**Decide**

41. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeċiedi illi x-*Shareholders' Agreement*, l-emenda għax-*Shareholders' Agreement,* il-*Contract Note*, u *Subscription List* iffirmati mir-

rikorrenti u datati l-għoxrin (20) t'April 2020 huma rexissi stante l-inadempjenza tal-intimati;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tar-rikorrent ***<u>in parte</u>*** u tikkundanna lill-intimati jirrifondu u jħallsu lura s-somma ta' disgħa u għoxrin elf u tmien mitt Ewro (€29,800) lilhom ġja mħallsa, bl-interessi mid-data tal-għoxrin (20) t'April 2020, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-intimati *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**